MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2009

Numru 123/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**
**v.**

**Carmel sive Charles Zammit**

**Il-Qorti**:

Regghet rat ir-rikors;

Semghet lill-Ispettur Raymond Cassar bil-gurament;

Semghet lill-Avukat prosekutur Dr. Cordina u lill-Avukat difensur Dr. Abela fl-udjenza tal-lum;

Rat l-atti limitatament ghall-fini tar-rikors odjern;

Qieset il-kondotta arci-refrattarja tal-akkuzat kif tirrizulta mill-fedina penali esebita fil-process kif ukoll li l-akkuzat

ghandu problemi ta' mard mentali w ta' tossiko dipendenza;

Qieset ukoll mill-banda l-ohra li fost il-kondizzjonijiet imposti ghall-ghoti tal-liberta' provvizorja hemm li l-akkuzat ghandu jibqa' jirresjedi taht "house arrest" ghalkemm issa rrizulta li huwa qieghed mizmum fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin jiskonta sentenza ohra;

Rat id-dispozizzjonijiet tal-ligi relattiva, u partikolarment l-Artiklu 576 tal-Kap 9;

Wara li qiest ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti taqbel mar-rikorrent Avukat Generali illi f'dan il-kaz il-garanzija f' forma ta' depozitu ta Ewro 500 kif ukoll il-garanzija personali fl-ammont ta' Ewro 1000 hija manifestament inidonea fic-cirkostanzi;

Tilqa' t-talba u konsegwentement tissostitwixxi il-kundizzjoni numru 8 tad-digriet tal-15 ta' April, 2009 bis-segwenti kundizzjoni: "li l-imsemmi Carmel sive Charles Zammit jaghmel tajjeb ghal dawn il-kundizzjonijiet kif ukoll ghal dak kollu li tghid u trid il-ligi fl-Artiklu 579 tal-Kodici Kriminali billi jew jiddepozita taht l-Awtorita' ta' din il-Qorti u bhala garanzija is-somma ta' tlitt elef Ewro €3,000 jew igib plegg tajjeb li jobbliga ruhu bil-miktub ghall-imsemmija somma ta' €3,000.

F'kaz li jingieb tali plegg il-Qorti tordna li jinghata avviz ta' erbgha u ghoxrin siegha kif provvdut fis-sub artiklu (2) tal-Artiklu 582 tal-Kodici Kriminali sabiex tkun tista' tigi determinata l-idoneita' ta' tali plegg, u din il-garanzija ma jkollha ebda effett qabel ma tali plegg jigi approvat minn din il-Qorti jew mill-Qorti li quddiemha l-kaz ikun jinsab";

Inoltre r-referenza ghall-ammont ta' elf u hames mitt Ewro (€1500) fl-istess Digriet tal-15 t' April, 2009, ghandha tithassar u tigi sostitwita bil-kliem u cifra "tlitt elef Ewro (€3000)"

L-intimat Carmel sive Charles Zammit jibqa' arrestat anki wara li jiskonta s-sentenza li qed jiskonta sakemm

jottempra ruhu mal-kundizzjoni numru 8 kif mibdula b’dan id-digriet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------